KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 66 (II) miżmuma nhar il - Erbgħa 10 ta'Settembru 2018 ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Marie Fenech Sindku (17.30)
- Graziella Galea Kunsillier (17.30)
- Antoinette Bezzina Kunsillier (17.30)
- Alfred Grima Kunsillier (17.30)
- Stephen Cremona Kunsillier (17.31)
- Robert Piscopo Kunsillier (17.00)
- Paul Bugeja Kunsillier (17.30)
- Rodney Galea Kunsillier (17.30)
- Joseph Vella Kunsillier (17.30)
- Dounia Borg Kunsillier (17.30)

Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar Kunsillier
- Daniel Grima Vici Sindku
- Edward Bugeja Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Il-Laqgħa nfetħet mis-Sindku Anne Fenech.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

## 66.3

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li jekk il-Kunsill għandu l-*go ahead* mingħand mingħand l-Avukat, ma nsaqsux lid-Dipartiment.
Il-Kunsillier Alfred Grima qal li Triq il-Kaħli u Triq id-Duluri qegħdin fi stat perikoluż kbir. Sostna li jekk ikun hemm periklu, is-Sindku għandha dritt li tordna li jsiru x-xogħolijiet immedjatament.
Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li jekk hemm bżonn issir triq kollha, tidħol il-WSC.
Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li għandu jsir wiċċ wieħed u jekk ikun em diffikulta għandu jkun bejn parking bays opposti.
Il-Kunsillier Alfred Grima ikkummenta li WSC qalu lill-Kunsill li jekk jintmissu tappieri, jkun hemm il-problemi.

Mistoqsijiet mingħand Il-Kunsillier Alfred Grima

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa:
1)L-accountant ffirmatu l-Kuntratt ?
2)Jekk le jfisser, li l-Kunsill qiegħed iħallas biz-zalza apparti li jaf ukoll inqabzet l-limitu tad-direct order?
3) Re Jean De La Cassiere : Il-Perit intalab biex jikkonferma jekk hemmx ħsara jew le.

Blues ltd – il-Kunsill qabel li l-kuntratt jieqaf. L-aħħar korrispondenza li sab kienet lejn l-aħħar ta' Lulju.
Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat imejl lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti biex tagħlaq it-Tenders.
Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li hemm appell. Dan għandu jiġi *filed* mad-Dikjarazzjoni tal-Finanzi.
Qablu: Is-Sindku Anne Fenech, il-Kunsilliera Rodney Galea, Paul Bugeja, Joseph Vella, Dounia Borg, Antoinette Bezzina, Graziella Galea u Stephen Cremona.
Astjena: Il-Kunsillier Alfred Grima.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li fil-lift tal-Kunsill, la darba tinqata' l-linja diretta għandu jkun hemm kuntatt dejjem.
Il-Kunsillier Stephen Cremona qal li jekk ma jkunx hemm linja tat-telefown, ikun hemm qanpiena u PABX.

Harġiet Kulturali għall-Anzjani – Mill-Pagamenti u dħul għal April u Mejju 2018 jirrizulta li l-Kunsill spiċċa bi żbilanċ ta' €145.40 u €96.10 rispettivament.

Għandha titla waqt il-Laqgħa li jmiss.

6.04pm - Il-Kunsillier Stephen Cremona ħareġ mil-Laqgħa.
6.08pm - Il-Kunsillier Stephen Cremona rritorna għal-Laqgħa.
6.09pm – Wasal il-Kunsillier Robert Piscopo.
6.13pm – Il-Laqgħa ġiet sospiża mis-Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li għandu jinġab xi ħadd professjonali minħabba l-kameras tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Alfred Grima għadda punt li fil-bookings tal-bulky refuse, għal diversi drabi kien hemm l-iżballji mill-istess persuna.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li nqabżu r-rapporti.
Il-Kunsillier Alfred Grima qal li għandna niktbu lil Natalino mid-DLG, li qegħdin f'sitwazzjoni urġenti u li hemm bżonn li jiġu mpjegati n-nies li attendew l-interviews. Talab li jiġu kkupjati l-Kunsilliera fil-korrispondenza.
Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq Point of Order.
Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li m'hemmx rapport u li fl-Aġenda hemm miktub rapport.
Sostniet li bl-ebda mod ma trid twaqqaf il-proċess, għax tixtieq li jidħlu mpjegati ġodda.
Il-Kunsillier Alfred Grima ssekondaha.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq Point of Order.
Qal li kien saqsa lil Avukat fir-rigward ta' Tenders.
6.37pm - Il-Kunsillier Dounia Borg ħarġet mil-Laqgħa.

Qbil unanimu rigward l-ingaġġ tal-persuni li attendew l-interviews.
Il-Kunsillier Alfred Grima għadda suġġeriment li għandha tintbagħat ittra lill-dawk li attendew l-interviews li tavżahom li ġew aċċettati, pero' l-Kunsill qed jistenna mid-DLG.

6.40 - Il-Kunsillier Dounia Borg irritornat għal-Laqgħa.

66.4.2 – Karnival 2017 – Ir-rapport intbagħat.

66.5 – Kumitat Amministrattiv Burmarrad
Il-Kunsillier Alfred Grima għamel stqarrija li l-persuna eletta ma hijiex tkun preżenti f'isem Burmarrad waqt il-Laqgħat tal-Kunsill, attendiet għall-ewwel laqgħa u qatt iktar.

6.45pm – Il-laqgħa ġiet sospiża mis-Sindku
6.48pm – Il-laqgħa kompliet.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li r-responsabbilta' taqa' fuq iċ-chairperson li jgħajjat il-laqgħa.
Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li kien semgħa li l-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad ma kellhomx fiduċja fiċ-chairperson.
Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk iċ-chairperson ġietx magħżula mill-membri tal-Kumitat stess.

66.6 - PA (Mistra Village)
Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li fl-opinjoni tiegħu, ser jiżdiedu ħafna residenti f'żona żgħira, ser ikun hemm influss ta' drenaġġ, influss ta' traffiku u influss ta' dawl.

7.00pm - Il-Kunsillier Graziella Galea ħarġet mil-laqgħa.

Il-Kunsillier Robert Piscopo ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-iżiluppatur fejn jispjega kemm ser ikun hemm kobor.
Is-Sindku Anne Fenech qalet li ser tibgħat għal-siteplan. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li għandha tintbagħat pjanta.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li jekk il-policy tiġi rispettata, ma jkollux oġġezzjoni. Jekk din tkun barra l-Policy, mhux ser ikun hemm parkeġġ adegwat għal kull attivita' mniżżla. Għamel punt li dan qed jgħidu qabel ma ra pjanti.

7.03pm - Il-Kunsillier Graziella Galea rritornat għal-Laqgħa.

66.7 – Wine & Fish Fest
Il-Kunsillier Joseph Vella qal li din l-attivita' għandha terġa' tibda ssir. Il-Bord tal-Attivitajiet issuġġerixxa li ssir nhar il-Ħadd 7 t'Ottubru 2018. Il-Kunsill Qabel

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li sakemm tiġi riżolta l-problema tal-finanzi fir-rigward ta' ħarġa kulturali għall-anzjani f'Għawdex, ma jsirux ħarġiet għal Għawdex.
Il-Kunsillier Rodney Galea ssekondah. l-Kunsill qabel.
Il-Kunsillier Paul Bugeja ssuġġerixxa li kull min hu fil-Bordijiet, jekk xi ħadd ma jkunx jista jattendi laqgħa tal-Bord rispettiv tiegħu/tagħha, għandu jattendi Kunsillier mill-istess partit minfloku.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina staqsiet għaliex għandhom jeħlu l-anzjani rigward il-finanzi neqsin.
Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq Point of Order peress li ma jafx għaliex qed jiġu ppuntati swaba lejh li hu qed iwaqqaf li jsiru l-ħruġ kulturali.

66.8 - Ġonna Pubbliċi
Il-Kunsillier Joseph Vella wera ritratti li ħa tal-istat tal-bandli li hawn fil-lokalita'.
Il-Kunsillier Vella ssuġġerixxa li jinħareġ Tender għaż-żamma tal-bandli.
Kien innutat li t-Tenderer li jieħu ħsieb is-*Soft Areas* għandu mniżżel li jieħu ħsieb il-bandli, pero' qatt ma ħa ħsiebhom.

Il-Kunsillier Paul Bugeja għadda kumment li l-ħaddiema tal-Kunsill suppost ma jiġbrux skart.
Il-Kunsillier Robert Piscopo għadda Point of Order li jekk ma jinġabrux affarijiet, jibqa' kollox hemm, u jekk jinġabru affarijiet, ir-residenti jibqgħu jarmu.
Il-Kunsillier Joseph Vella jaqbel mas-Segretarju Eżekuttiv fuq il-bżonn ta' CCTVs.

Il-Kunsillier Joseph Vella ssuġġerixxa li għandu jinħareġ tender għaż-żamma u manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi u tal-bandli.
Is-Sindku Anne Fenech issekondatu.
Il-Kunsillier Joseph Vella ssuġġerixxa wkoll li toħroġ Direct Order sakemm joħroġ it-Tender.
Kien hemm qbil unanimu , sal-massimu li tgħid il-Liġi.

## 66.10 – Żona Pedonali

Il-Kunsillier Paul Bugeja kontra l-liġi li jingħataw permessi ta' makkinarji fiż-żona pedonali.
Kienu tpoġġew pjanċi mill-Ministeru fuq l-ispralli li hemm fil-pjazza, u dawn għadhom hemm.
Il-Kunsillier Joseph Vella qal li bħala Kunsill, hemm bżonn li nieħdu ħsieb l-unika pjazza li hawn fil-lokalita'.
Il-Kunsillier Paul Bugeja ssuġġerixxa li mit-tinda tal-karozzini l'fuq isiru 2 parkeġġi riservati għal persuni b'diżabilita', u l-parkeġġ li hemm reiservat ħdejn il-pjazza, jsir un/loading bay.
Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li l-pjazza għandha tingħalaq immedjatament.
Kien suġġerit li tintbagħat ittra formali lir-residenti u ħwienet li hemm fiż-żona pedonali mmedjatament.

## 66.11 – "Ħsarat fuq Manholes ta' Kumpaniji Privati"

Il-Kunsillier Alfred Grima jipproponi Illi;
Il-Kunsill jinbgħat ittra uffiċjali mill-Kumpaniji privati kollha li għandhom l-infrastruttura tagħhom f'SPB.
Fiha jisigi li l-Kumpaniji stess jizguraw moniteraġġ kontinwu tal-infrastruttura kollha tagħom .
Darba fix-xhar irid jintbagħat rapport dettaljar ta' xi rrizulta minn dan ir-rapport lill-Kunsill
Kull ħsara li tinstab trid tiġi rapurtata lill-Kunsill immedjatament u viċi versa.
Kull ħsara li sseħħ fl-infrastruttura tagħhom, għandha titranġa f'mhux izjed minn 72 siegħa minn meta tiġi rraportata.
Fin-nuqqas li dan iseħħ il-Kunsill għandu b'obligu, bħala Gvern Lokali li fuqu taqa' ir-responsabilita tat-toroq fil-lokalita', li jieġu dawl l-azzjonijiet kollha neċessarji biex

jizgura li l-ħsarat jiġu rranġati mmedjatament u tinbeda proċedura fil-qrati biex min naqas jagħmel tajjeb għad-danni bl-ispejjes u l-interessi inkluzi.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ssekondah. Il-Kunsill Qabel.

**66.12 – Customer Care**
Is-Sindku kellmet lid-Direttur u kienet informata li jistgħu jiġu mpjegati nies fi skala 16.
Il-Kunsillier Alfred Grima jitlob li terġa titla din l-*item* fil-laqgħa li jmiss, talab x'hemm nieqes fis-sistema għax ser jintilfu l-flus.

7.53pm - Il-Kunsillier Robert Piscopo ħareġ mil-laqgħa.

Il-Kunsillier Alfred Grima ssuġġerixxa li titqabbad kumpanija waħda għal kollox.

66.13 – Folk Festival
Kien hemm qbil li jitħallsu l-Pulizija u l-Gazzetta tal-Gvern

8.00pm - Il-Kunsillier Robert Piscopo rritorna għal-laqgħa.

66.14 – Triq it-Tamar
Il-Kunsillier Alfred Grima ma jaqbilx li għandha ssir one-way
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandu jsir traffic management plan taż-żona kollha.

**66.15 – Skemi**

**66.19 – Tenders/Quotes**
Il-Kunsillier Joseph Vella propona li jitneħħa l-ġnien tad-Dolmen u l-bandli kollha.

**66.20 Data tal-Laqgħa li jmiss.**
Il-Kunsillier Alfred Grima ssuġġerixxa nhar il-25 ta' Settembru, il-Kunsillier Joseph Vella ssekondah.
Is-Sindku ssuġġeriet it-2 t'Ottubru.

Talba għal vot għall-25 ta' Settembru.
Il-Kunsillier Alfred Grima proponent.
Il-Kunsillier Paul Bugeja sekondant
Favur – il-Kunsilliera Rodney Galea, Paul Bugeja, Joseph Vella, Alfred Grima, Stephen Cremona, Robert Piscopo
Kontra – Il-Kunsillier Graziella Galea
Astjenew – Il-Kunsilliera Dounia Borg u Antoinette Bezzina
– Is-Sindku Anne Fenech

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ____________________ | _________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |